Kristy Debono

President tal-Kunsill Ġenerali

Partit Nazzjonalista

Triq Herbert Ganado,

Tal-Pieta'

24 ta' Ġunju 2019

Sinjura President

Aħna t-tesserati hawn taħt iffirmati nsostnu li Dr. Adrian Delia ġie elett demokratikament Kap tal-Partit Nazzjonalista permezz ta' vot popolari mill-Konvenzjoni Ġenerali magħmula mit-tesserati kollha tal-partit u li skont l-istess statut tal-partit "Il-Kunsill Ġenerali hu l-ogħla organu tal-Partit bil-poter li jbiddel id-deċiżjoni ta' kull organu ieħor, salv dak provdut f'artikoli 37 u 38 ta' dan l-istatut." Artiklu 37 jghid car li " Il-Konvenzjoni Ġenerali teleġġi lill-Kap, lill-Viċi Kap tal-Partit għall-Affarijiet Parlamentari, lill-Viċi Kap tal-Partit għall-Affarijiet tal-Partit, u fl-ewwel tliet xhur ta' kull leġislatura tikkonferma lill-Kap kif ukoll lill-Viċi Kap tal-Partit għall-Affarijiet Parlamentari u lill-Viċi Kap tal-Partit għall-Affarijiet tal-Partit"

Għalhekk in vista tal-istatut qegħdin nitolbu li tkun miċħuda kull tip ta' talba li setgħet saret sabiex jiġi msejjaħ u jinżamm Kunsill Ġenerali straordinarju bl-iskop li jittieħed vot ta' fiduċja/sfiduċja fil-konfront tal-Kap tal-Partit minn numru ta' kunsilliera tal-istess partit. Il-Kap tal-Partit ingħażel mit-tesserati u dik id-decizjoni m'għandu dritt jibdilha ħadd. Dan la jippermettieh l-statut u wisq anqas ir-rispett lejn il-vot u r-rieda tat-tesserati, lejn id-demokrazija u r-'rule of law'.

Aħna hawn taħt iffirmat, nemmnu li għandha tinġarr responsabilita'

KOLLETTIVA għar-riżultat tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsilli Lokali li saru nhar is-Sibt 25 ta' Mejju 2019. Ahna konvinti li jekk niddiskutu flimkien u b'mod matur, u fl-interess biss tal-partit u mhux dak personali, nistgħu naslu għar-raġunijiet vera tat-telfa. M'hemmx dubju li partit maqsum qatt ma' jista jirbaħ elezzjoni. Huwa wkoll sigriet magħruf li minn meta Dr. Delia ħa l-ġurament tal-ħatra, huwa ma tħalliex jaħdem b'mod seren minn dawk stess li għamlu minn kollox biex ma' jsirx kap. L-imġieba xejn etika ta' ċertu deputati u uffiċjali li qatt m'aċċettaw il-verdett mogħti mit-tesserati żgur ma' għinetx is-sitwazzjoni biex nimxu l quddiem u kellha effett negattiv fuq ir-rizultat li ġarrab il-partit.

L-imġieba ta' dawn id-deputati flimkien ma' kampanja sistematika, koordinata u organizzata bl-għajnuna ta' psewdo-bloggers u/jew psewdo-NGOs kienu l-fattur ewlieni li wasslu għal din id-disfatta. L-istess nies li kienu kaġun tat-telfa kbira tal-elezzjoni 2013 u li t-tesserati warrbu fl-2017 huma l-idejn moħbija wara

dan il-manuvrar politiku. Dawk li kienu jiġbdu l-ispag dakinhar huma l-istess nies li jridu jkomplu jiġbdu l-ispag u jaħkmu l-partit llum. Aħna nemmnu li ma' nistgħux nibqgħu nipproteġu dak l-istatus quo. Adrian Delia ġie magħżul biex ibiddel u ħadd m'għandu dritt iżomm dik-il-bidla milli ssir.

Minkejja li matul l-aħħar xhur il-Kap publikament appella għall-għaqda u offra l-id tal-ħbiberija innotajna b'dispjaċir li ċertu deputati baqgħu jattendu u jċapċpu għad-diskorsi kontra l-partit u l-kap tiegħu minn kelliema ta' NGO's li l-għan tagħhom kien biss li jkissru lill-partit sempliċiment għaliex il-kap maħtur ma' kienx dak tal-għażla tagħhom. Innotajna wkoll li l-leakages lill-media mill-laqgħat tal-grupp parlamentari ma qatgħu xejn u saru minn nies li suppost taw eżempju lill-haddiehor. Innotajna wkoll numru ta' deputati u ufficjali spiss ħadu pożizzjoni politika qabel il-partit ikun għadu pronunzja ruħu b'konsegwenza li l-pożizzjoni tagħhom mhux l-ewwel darba kienet differenti minn dik tal-partit.

Għaldaqstant, aħna t-tesserati hawn taħt iffirmati, filwaqt li ntennu l-fiduċja sħiħa tagħna fil-kap Adrian Delia, nitolbu sabiex immedjatament:

(a)Jinbeda l-process ta' bidla meħtieġ biex nerġgħu nsiru partit rebbieħ. Dan mhux kaz ta' business as usual

(b) Jinfetħu l-bibien għal kull min għandu għal qalbu l-interess veru tal-partit biex jingħata ċ-ċans jikkontribwixxi għal din il-bidla.

(c) Kulħadd jintalab jiġbed ħabel wieħed bid-deputati u l-ufficjali jintalbu jkunu fuq quddiem nett biex jagħtu eżempju tajjeb lill-partitarji

(d) jittieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex dawk id-deputati u/jew uffiċjali li jibqgħu juru biċ-ċar li ma jridux jaħdmu b'mod kollettiv flimkien mal-Kap u t-tmexxija ma jitħallewx jagħmlu aktar ħsara. Dawn qed ipoġġu f'riskju serju l-futur tal-partit

(e) jinbeda proċess biex jinġiebu lura nies li twarrbu mill-partit minħabba l-attitudni u l-azzjonijiet ta' dawk li akkost ta' kollox riedu jibqgħu jzommu l-kontroll tal-partit taħt idejhom.

Insellu għalik